

Brussell, 27 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12145/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0224 (NLE)**

**UK 158
UD 219**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 403 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward ta' dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 403 final.

Mehmuż: COM(2026) 403 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2026
COM(2026) 403 final

2026/0224 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat
Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-
Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
fir-rigward ta' dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta'
Windsor**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") fir-rigward ta' dikjarazzjoni konġunta tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor², li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Qafas ta' Windsor

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Fis-27 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit laħqu ftehim politiku fil-prinċipju dwar il-Qafas ta' Windsor. Fl-24 ta' Marzu 2023, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ adotta l-arranġamenti l-ġodda relatati mal-Qafas ta' Windsor. Iż-żewġ Partijiet qablu li jimplementaw bis-sħiħ, tempestivament u fedelment il-Qafas ta' Windsor.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena fuq talba jew tal-Unjoni jew tar-Renju Unit, u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda tiegħu permezz ta' kunsens reċiproku. F'konformità mal-Artikolu 166(3) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens reċiproku.

Il-kompiti tal-Kumitat Konġunt huma stipulati fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u prinċipalment huma:

- is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitati speċjalizzati li jirraportaw lilu;
- l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, inklużi emendi tal-Ftehim fil-każijiet previsti fih;
- il-prevenzjoni ta' problemi u s-soluzzjoni ta' tilwim li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Matul il-laqgħa li jmiss tiegħu, l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jagħmlu dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor ("l-att previst").

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

² Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ([ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#)).

L-għan tal-att previst huwa li jiċċara li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor li huma relatati mal-ħlas, il-ġbir u r-rimessa ta' dazji doganali għal merkanzija li tiddaħħal permezz ta' trasport dirett fl-Irlanda ta' Fuq minn parti oħra tar-Renju Unit jew minn territorju għajr l-Unjoni jew parti oħra tar-Renju Unit u li, rispettivament, tkun f'riskju jew mhux f'riskju li sussegwentement tiġi ttrasferita lejn l-Unjoni, huma applikabbli wkoll għal tariffa tat-trattament stabbilita mid-dritt tal-Unjoni biex tkopri l-kostijiet tas-servizzi pprovduti għat-trattament ta' talba għar-rilaxx ta' merkanzija mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod għaċ-ċirkolazzjoni libera.

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. L-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor

L-Artikolu 5(1) tal-Qafas ta' Windsor jipprevedi li ma għandu jitħallas l-ebda dazju doganali għal oġġett li jinġieb permezz ta' trasport dirett fl-Irlanda ta' Fuq minn parti oħra tar-Renju Unit u li ma jkunx f'riskju li sussegwentement jiġi ttrasferit lejn l-Unjoni, kemm jekk waħdu kif ukoll bħala parti minn oġġett ieħor wara l-ipproċessar. Jipprevedi wkoll li d-dazji doganali fir-rigward ta' oġġett miġjub bi trasport dirett fl-Irlanda ta' Fuq għajr mill-Unjoni jew minn parti oħra tar-Renju Unit u li ma jkunx f'riskju li sussegwentement jiġi mċaqlaq lejn l-Unjoni, kemm jekk waħdu kif ukoll jekk bħala parti minn oġġett ieħor wara l-ipproċessar, għandhom ikunu d-dazji applikabbli fir-Renju Unit.

L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi żgurat li l-ebda oġġett li jinġieb permezz ta' trasport dirett fl-Irlanda ta' Fuq u li ma jkunx f'riskju li sussegwentement jiġi mċaqlaq lejn l-Unjoni, kemm jekk waħdu kif ukoll jekk bħala parti minn oġġett ieħor wara l-ipproċessar, ma jkun soġġett għal kwalunkwe imposta finanzjarja stabbilita mil-liġi doganali tal-Unjoni li tkun direttament relatata mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' tali oġġett fl-Irlanda ta' Fuq.

F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat permezz ta' dikjarazzjoni konġunta li għandha tinħareġ mill-Unjoni u mir-Renju Unit fil-qafas tal-Kumitat Konġunt li l-Artikolu 5(1) tal-Qafas ta' Windsor jenħtieġ li jinftehem bħala li japplika wkoll għal tariffa tat-trattament stabbilita mid-dritt tal-Unjoni biex tkopri l-kostijiet tas-servizzi pprovduti għat-trattament ta' talba għar-rilaxx ta' oġġetti mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod għaċ-ċirkolazzjoni libera, b'mod partikolari billi tiġi vverifikata d-data pprovduta, titwettaq analiżi tar-riskju, u jitwettqu kontrolli dokumentarji u fiżiċi meta jkun meħtieġ.

Barra minn hekk, l-Artikolu 5(6) tal-Qafas ta' Windsor jipprevedi li meta d-dazji doganali jiġu imposti mir-Renju Unit f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali rilevanti tal-Unjoni, dawn id-dazji ma jintbagħtux lill-Unjoni. Għalhekk, dik id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiżgura li r-rikavat minn kwalunkwe imposta finanzjarja stabbilita mid-dritt doganali tal-Unjoni li tkun direttament relatata mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq jibqa' għand ir-Renju Unit. F'dan il-kuntest, id-dikjarazzjoni konġunta prevista tiċċara li l-Artikolu 5(6) tal-Qafas ta' Windsor jenħtieġ li jinftehem bħala li japplika wkoll fl-intier tiegħu għar-rikavat ta' tariffa amministrattiva tan-natura msemmija fil-paragrafu preċedenti.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-att previst jikkostitwixxi att li għandu effetti legali, skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-*Ħruġ*.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-kjarifika tal-interpretazzjoni konġunta mill-Unjoni u mir-Renju Unit rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor, li jiffurma parti integrali mill-Ftehim dwar il-*Ħruġ*.

Il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-*Ħruġ* kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) TUE.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50(2) TUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 50(2) TUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Fl-interess taċ-ċertezza legali u tat-trasparenza, huwa xieraq li d-dikjarazzjoni konġunta tal-Unjoni u tar-Renju Unit tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li tkun saret fil-Kumitat Konġunt.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward ta' dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika³ (il-“Ftehim dwar il-ħruġ”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135⁴.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 182 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Qafas ta' Windsor⁵ jiffirma parti integrali minn dak il-Ftehim.
- (3) L-Unjoni u r-Renju Unit, matul il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt, għandhom jagħmlu dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor.
- (4) L-għan tad-dikjarazzjoni konġunta huwa li jiċċara li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor li huma relatati mal-ħlas, il-ġbir u r-rimessa ta' dazji doganali għal merkanzija li tiddaħħal permezz ta' trasport dirett fl-Irlanda ta' Fuq minn parti oħra tar-Renju Unit jew minn territorju għajr l-Unjoni jew parti oħra tar-Renju Unit u li, rispettivament, tkun f'riskju jew mhux f'riskju li sussegwentement tiġi ttrasferita lejn l-Unjoni, huma applikabbli wkoll għal tariffa tat-trattament stabbilita mid-dritt tal-Unjoni biex tkopri l-kostijiet tas-servizzi pprovduti għat-trattament ta' talba għar-rilaxx ta' merkanzija mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod għaċ-ċirkolazzjoni libera.
- (5) Id-dikjarazzjoni konġunta prevista tal-Unjoni u tar-Renju Unit, jekk issir fil-Kumitat Konġunt, tikkostitwixxi att li jkollu effetti legali, skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) TFUE.

³ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/treaty/withd/2020/sign>.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/135/oj>).

⁵ Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ([ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#)).

- (6) Għaldaqstant huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tad-dikjarazzjoni konġunta tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Kumitat Konġunt”) għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-dikjarazzjoni konġunta tal-Unjoni u tar-Renju Unit meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet tekniċi żgħar fil-pożizzjoni stabbilita fl-abbozz tad-dikjarazzjoni konġunta tal-Unjoni u tar-Renju Unit meħmuż ma' din id-Deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President